# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI

**8 ta' Jannar, 1959**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Joseph Micallef Stafrace, B.A., L.P.

**Libell — Gvernatur — Soprassessjoni — Azzjoni Kriminali — Nullità — Kostituzzjoni tal-1947 — Gvern — Ministeru — Prerogattiva tal-Kuruna — Prova — Verità tal-Konvićju — Ġurnal — "Fair Comment" — Kritika Ġurnalistika — Karikatura ("cartoon") — Art. 4, 6 u 868 tal-Kodići Kriminali — Art. 15 u 16 tal-Kap. 117.**

*Skond il-ġurisprudenza, is-soprassessjoni ta' kawża kriminali sakemm tiġi deċiża mit-tribunal ta' ġurisdizzjoni ċivili kwistjoni preġudizzjali sollevata fl-istess kawża kriminali ma għandhiex tiġi faċilment konċessa; għax l-ordni pubbliku, li in ġenerali hu a bażi tal-proċeduri kriminali, jeħtieġ li jiġi ristabbilit sollecitament; u minbarra dan, id-dispożizzjoni relattiva għas-soprassessjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali tal-kompetenza pjena tal-Maġistrat li jieħu konjizzjoni tal-fatt prinċipali; u l-ġudikant tal-kwistjoni prinċipali hu kompetenti biex jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet li jiġu sollevati kontra dik il-kwistjoni.*

*Dan kollu hu aktar veru meta l-preġudizzjali ma taffettax kawża waħda, imma tista' taffetta l-kawżi kriminali kollha; għax f'kull kawża kriminali l-azzjoni hi publika (għad li tista' tkun persegwibbli, skond il-każ, jew "ex officio" jew b'istanza privata). u għalhekk id-dewmien ta' deċiżjoni dwar il-preġudizzjali jista' jippreġudika serjament l-andament tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali.*

*In-natura eċċezzjonali tas-soprassessjoni titnissel ukoll mir-*

*regola li l-azzjoni kriminali hija ndipendenti mill-azzjoni ċivili.*

*Barra minn hekk, sabiex ikun hemm lok għas-soprassessjoni, jeħtieġ li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali nvestita bil-kwistjoni prinċipali ma jkollhiex elementi bastevoli biex taqta' l-eċċezzjoni li għar-rigward tagħha ikun qegħdha tintalab is-soprassessjoni, jew li dik il-Qorti ikun fl-impossibbiltà ġuridika li tiddeċidi l-kwistjoni prinċipali qabel ma tiġi deċiża minn tribunal ieħor l-eċċezzjoni.*

*Għaldaqstant jekk l-imputat huwa mħarrek biex jirrispondi għal reat lilu addebitat, u huwa jissolleva l-eċċezzjoni li l-azzjoni kriminali eżerċitata kontra tiegħu hija nulla għax eżerċitata mill-Gvernatur meta l-Kostituzzjoni kienet sospiża u ma kienx hemm Gvern bil-Ministri, u jitlob is-soprassessjoni tal-kawża magħmula kontra tiegħu sakemm tiġi deċiża din l-eċċezzjoni mit-tribunal ċivili, din it-talba ma hix ta' min jilqagħha, għax fil-każ ma jikkonkorrux l-elementi fuq esposti bħala meħtieġa biex jiġġustifikaw l-akkoljiment tas-soprassessjoni mitluba.*

*Kwantu għall-meritu tal-eċċezzjoni, din mhix infondata; għax ma hux korrett li jingħad li, meta ġiet sospiża l-Kostituzzjoni tal-1947, u kien hemm id-dimissjoni tal-ministeru mingħajr ma ġie nominat ministeru ieħor, ma kienx hemm gvern investit bil-poter li jeżerċita l-azzjoni kriminali. Dan il-poter ġie nvestit fil-Gvernatur in bażi għar-riviviżżenza tal-istess poter fil-Gvernatur bħala effett tal-Prerogattiva tal-Kuruna, u anki stante li kienet saret ir-revoka ta' klawsola fl-"Instructions" li kellu l-Gvernatur u li kienu ġew mogħtija lilu flimkien mal-promulgazzjoni ta' dik il-Kostituzzjoni. Barra minn dan, il-Gvernatur ta' Kolonja għandu l-poteri kollha meħtieġa biex ikun jista' jmexxi l-gvern eżekuttiv tal-Kolonja li għaliha ikun prepost.*

*U lanqas hu korrett jingħad li, qabel ma nqalgħet il-kriżi ministerjali, il-poter eżekuttiv, u kwindi l-gvern, kien konċentrat fil-ministri biss; imma anki l-Gvernatur, kostituzzjonalment, kien parti mill-Gvern; u għalkemm, meta*

*hemm gvern responsabbli, il-funzjonijiet tal-Gvernatur ikunu neċessarjament ristretti bil-fatt stess li jkun hemm il-ministri, u fil-każ tal-kostituzzjoni tal-1947, għal dak li kien jirrigwarda l-materji mhux riżervati, il-Gvernatur kellu jimxi fuq il-parir tal-Kunsill Eżekuttiv, il-klawsola fl-imsemmija "Instructions" li tirrendi meħtieġ il-parir tal-ministri, ġiet abrogata. B'daqshekk ma jistax jingħad li ma kienx hemm aktar Gvern malli ddimettew il-ministri, għaliex kostituzzjonalment l-Eżekuttiv ma kienx jikkonsisti biss fil-ministri, imma anki fil-Gvernatur. Kien hemm allura "care-taker government", u ċertament it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tidħol fil-funzjonijiet tal-"care-taker government", għax, bla dubju, dik li tissejjaħ "day to day administration" tikkomprendi l-andament tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali.*

*Kwistjonijiet oħra dwar x'seta' u ma setgħax jagħmel il-Gvernatur meta baqa' bla ministri, u jekk aġixxiex kostituzzjonalment meta eżegwixxa programm leġislattiv u amministrattiv mingħajr l-approvazzjoni tal-Assemblea Leġislattiva, ma humiex kwistjonijiet li jidħlu fil-portata tal-eċċezzjoni, u ma jaffettawx il-kariga tiegħu ta' Gvernatur, u lanqas ma jaffettaw il-konklużjoni li, anki wara l-kriżi, bħala Gvernatur hu kien jikkostitwixxi l-Gvern, li almenu kellu poter li jistitwixxi azzjonijiet kriminali għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali.*

*Issa, il-Liġi tal-Istampa tiddisponi illi kull min, bil-mezz ta' publikazzjoni jew distribuzzjoni fil-Gżira ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha ta' stampati, ikun liema jkun il-post li minnu jkunu ġejjin, jinsulta jew jinġurja, jew jikkaġuna mibgħeda jew disprezz lejn il-persuna tal-Gvernatur, jeħel il-piena tal-priġunerija u tal-multa kif stabbilit fl-art. 6 ta' dik il-Liġi. U meta ssir imputazzjoni kontra l-imputat ta' dan ir-reat kontra l-persuna tal-Gvernatur, il-Qorti mhix intitolata tindaħal jekk dik id-dispożizzjoni hijiex odjuża jew le; għax it-tribunal huwa msejjaħ biex jinterpreta u japplika l-liġi, u mhux biex jikkritikaha; imma jista' jiġi osservat li din mhijiex xi dispożizzjoni ntrodotta fis-sistema leġislattiv malti mħabba l-emerġenza li nqalgħet bir-riżenja tal-ministri, jew xi liġi eċċezzjo-*

*nali, imma hi parti mil-liġijiet ordinarji tal-pajjiż, u dispożizzjoni simili teżisti kważi fil-liġijiet kollha; u l-istess liġi tagħti din il-protezzjoni speċjali anki lil ċerti persuni oħra, bħal ma huma l-Arċisqof ta' Malta u Isqof ta' Għawdex. Jista' wkoll jiżdied li dan it-trattament speċjali tal-Gvernatur bħala rappreżentant tas-Sovran, ma hux xi ħaġa limitata għal-Liġi tal-Istampa, imma l-Gvernatur ġie mqiegħed f'pożizzjoni privileġġjata anki għar-rigward ta' proċeduri legali. U dan mhux bla raġuni, imma hu dovut għan-neċessità li jiġi salvagwardat il-prestiġju tal-kariga tal-Gvernatur.*

*Mhix aċċettabbli l-osservazzjoni illi, għax il-Gvernatur għamel attijiet anti-kostituzzjonali, allura huwa tilef il-protezzjoni speċjali li tagħtieh il-Liġi tal-Istampa; kieku kellu jiġi suppost illi l-Gvernatur għamel attijiet illegali, b'daqshekk ma tiġix il-konsegwenza li hu ma jibqgħax Gvernatur. L-allegata illegalità tista' talvolta ġġib, fl-agħar ipotesi, in-nullità ta' dawk l-attijiet, imma ma ġġibx li hu ma jibqgħax Gvernatur, ċjoè dik il-persuna li favur tagħha hemm it-tutela speċjali ta' dak l-art. 6 tal-Liġi tal-Istampa, li kkrea dan ir-reat speċjali bħala liġi tal-pajjiż, li l-Qorti għandha tosserva.*

*Lanqas ma hu aċċettabbli l-argument defensjonali fis-sens illi l-imsemmi art. 6 tal-Liġi tal-Istampa hu applikabbli biss meta jkun hemm Gvern Responsabbli, u mhux meta l-gvern ikun f'idejn il-Gvernatur waħdu. Hu veru illi l-Gvernatur hu protett aħjar meta jkun hemm ministri responsabbli, għaliex allura n-nazzjon tista' tiċċensura lill-ministri għall-amministrazzjoni tagħhom, mentri, meta ministri ma hemmx u l-gvern ikun f'idejn il-Gvernatur waħdu, il-kritika bilfors taqa' fuqu; imma l-imsemmi art. 6 ma jagħmelx distinzjoni bejn Gvernatur meta hemm ministri responsabbli u Gvernatur meta ma hemmx ministri; u l-istudju eżeġetiku ta' din il-liġi jieħu proprju għall-konklużjoni opposta. Bi gvern responsabbli jew le, il-Gvernatur jibqa' dejjem tali, ċjoè dak li l-liġi riedet tipproteġi speċjalment b'dan l-art. 6 tal-Liġi tal-Istampa.*

*Konsegwentement, fil-każ ta' inġurji lill-Gvernatur huwa appli-*

*kabbli l-art. 6, u mhux l-art. 15, tal-Liġi tal-Istampa; jiġifieri illi f'każ ta' libell fejn il-persuna ngurjata huwa l-Gvernatur, huwa applikabbli d-dispost speċjali tal-art. 6, u mhux id-dispost tal-art. 15 tal-istess liġi, li jikkontempla l-libelli in ġenerali.*

*U ladarba hu hekk, mhix ammissibbli l-prova tal-verità tal-fatti; għax fil-waqt illi f'każi ta' libelli in ġenerali l-liġi ssemmi dawk il-każijiet li fihom din il-prova hi ammissibbli, fil-każ ta' libell dwar il-persuna tal-Gvernatur l-art. 6 tal-Liġi ma jsemmi xejn din il-prova. U dan hu konformi ma' sistemi leġislattivi oħrajn. Apparti x'kien ikun ir-riżultat eventwali ta' din il-prova, l-imputazzjoni taħt l-art. 6 ma tammettix il-prova tal-verità.*

*Ma għandux b'daqshekk jiġi argumentat illi l-Gvernatur ikun "al di sopra" ta' kull kritika. Il-pożizzjoni ġusta, inveċe, tidher li hi din: meta jkun hemm il-ministri hu naturali li l-kritika tal-amministrazzjoni tiġi rivolta lilhom; meta mnistri ma hemmx, jeħtieġ dejjem li ċ-ċittadin jibqa' jkollu d-dritt invjolabbli u sakrosant li jikkritika l-attijiet tal-Gvern, u għalhekk, meta dan l-attijiet ikun qiegħed jagħmilhom il-Gvernatur waħdu, allura hu naturali li l-kritika tal-amministrazzjoni tiġi rivolta lilu. Imma altru kritika fil-limiti ġusti, u altru ngurji. Ma jidher bl-ebda mod li l-imsemmi art. 6 għandu jiġi nterpretat bħala ostattiv għal dil-kritika; imma jekk dik il-kritika tiskonfina mill-limiti ġusti, u tittramuta f'attakk personali u f'inġurji, allura wieħed għandu neċessarjament jaqa' fl-ambitu tal-art. 6, għax dak l-artikolu, u ebda ieħor, jikkontempla l-każ ta' ngurji lill-Gvernatur.*

*Jekk il-Prosekuzzjoni tindika bħala libelluż bran meħud minn artikolu publikat f'ġurnal, mingħajr ma tirriferixxi għall-artikolu sħieħ, xorta waħda l-Qorti għandha tikkunsidra dak il-bran fuq l-isfond tal-artikolu kollu, sabiex jiġi osservat il-prinċipju li għandhom jitqiesu l-kliem partikulari, iżda dejjem fil-kontest tal-artikolu sħieħ.*

*Id-difiża tal-"fair comment" u dik tal-libertà tal-kritika ġornalistika, huma analogi, peress illi, jekk il-komment hu*

*"fair", il-kritika hi ġusta. imma hu komunement ritenut illi l-kritika għandha tkun raġjonevoli u moderata, u l-eċċess fil-kliem użat fil-kritika jista' jinnewtralizza d-difiża tal-"fair comment". Hu meħtieġ li l-kritika ma tkunx sempliċi abbuż jew invettiva taħt l-apparenza ta' kritika.*

*U tabilħaqq, ma hemm xejn inġurjuż jekk dak li jiġi publikat jintqal bid-deċenza u r-rispett, u mingħajr imputazzjoni ta' motivi ħżiena; imma jekk l-artikolista jmur aktar il-quddiem, u jinsinwa li l-persuna ċensurata aġixxiet bi ħsieb parzjali u korrott, jew bl-intenzjoni li tiffavorixxi jew top-primi xi individwu jew klassi ta' nies, allura l-publikazzjoni tkun ferm libelluża, u teċċedi l-libertà tad-diskussjoni fuq suġġett politiku li hija permessa mil-liġi.*

*U għandu jiġi osservat illi l-istampa ma għandhiex xi privileġġ speċjali, imma dak stess li għandu ċ-ċittadin ordinarju.*

*Għaldaqstant għandu jiġi eżaminat jekk, meta jiġu applikati dawn il-prinċipji, il-persuna tal-Gvernatur ġietx insultata u vilifikata, u ġiex kaġunat lilu disprezz u mibgħeda, billi l-kliem publikati a kariku tiegħu jbaxxuh fl-istima li għandhom tiegħu n-nies ben pensanti. Hadd, ċertament, ma jista' jinkolpa lill-artikolista kieku, wara li enunċja, mhux bi travizament u eżaġerazzjoni, imma ġustament u korrettament, iċ-ċirkustanzi ta' fatt, ikkommenta u lmenta b'mod sobriju u temperat, anki jekk bi kliem vivaċi, li fil-fehmu tiegħu, tajba jew ħażina ma jimpurtax, li l-Gvernatur kiser il-Kostituzzjoni u kkommetta l-atti l-oħra kontra tiegħu denunċjati mill-artikolista; imma dan jirrendi ruħu ħati ta' inġurja lill-persuna tal-Gvernatur jekk il-kritika tiegħu mhix obbjettiva taċ-ċirkustanzi, iżda b'lingwaġġ għal kollox immoderat jassumi ċerti fatti, jiżnaturahom, u in konnessjoni magħhom jagħmel attakk personali kontra l-Gvernatur b'invettivi u kontumelji li jeċċedu l-limiti ta' kritika ġusta u leċita.*

*Kwantu għall-element intenzjonali, ma hux meħtieġ għall-integrazzjoni ta' dan ir-reat li l-imputat ikollu l-intenzjoni speċifika li jivvilifika; dak li hu meħtieġ hu li jiġu publikati kliem li joffendu r-riputazzjoni tal-kwerelant. Imma*

*jekk ikun hemm xi ndizju ta' animu ostili mill-parti tal-iskrivent tal-artikolu libelluż, dan l-animu jiddistruġġi d-difiża tal-"fair comment."*

*Anki karikatura ("cartoon") tista' tkun libelluża; u jekk din ma tkunx dedotta speċifikatament fiċ-ċitazzjoni bħala bażi tal-imputazzjoni, imma tinsab imsemmija fl-istess artikolu li hu a bażi tal-imputazzjoni, dik il-karikatura hi xorzll prova tal-animożità tal-iskrivent tal-artikolu, u teskludi d-difiża tal-"fair comment".*

*Fl-aħħarnett, l-allegazzjoni li l-artikolu nkriminat huwa risposta għal editorjali li deher f'gazzetta oħra ma għandha ebda rilevanza; għaliex fl-artikolu nkriminat huwa nġurjat il-Gvernatur, li mal-editorjali tal-gazzetta l-oħra ma għandu x'jaqsam xejn.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputati, talli l-imputat P.L. Micallef Stafrace bħala l-editur, u l-imputat Miller bħala l-istampatur, tal-gazzetta ta' kulljum "Is-Sebħ", f'dawn il-Gżejjer, fil-ħarġa tal-istess gazzetta nru. 697, li ġġib id-data tal-Ħamis, 18 ta' Settembru 1958, fl-artikolu editorjali, fl-ewwel u fit-tieni kolonni tat-tieni paġina, taħt it-titolu "Tixwix tat-Times of Malta", liema artikolu jibda bil-kliem "Minn kemm ilu li spiċċa l-Gvern Laburista . . . . . ." u jispiċċa bil-kliem "Tilqagħha din l-isfida, Mas?". kisru l-art. 6 tal-Ordinanza dwar l-Istampa (Kap. 117), billi nsultaw, inġurjaw, u kkaġunaw mibgħeda u disprezz lejn il-persuna tal-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur;

Rat il-kopji tal-ġurnali eżibiti, ċjoè kopja tal-ġurnal "Is-Sebħ" tas-6 ta' Awissu, u l-oħra tat-18 ta' Settembru, 1958, u kopja tat-"Times of Malta" tal-15 ta' Settembru 1958;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-imputat P.L. Micallef Stafrace, fis-sens li l-azzjoni kriminali hi nulla, għaliex, fil-waqt li skond il-Kostituzzjoni u l-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali għandha tiġi eżerċitata mill-Ministeru tal-Gvern Malti respon-

sabbli, qegħdha tiġi eżerċitata mill-Gvernatur, u dan illegalment; għal dawn il-motivi:—

(a) Il-Gvernatur aġixxa illegalment kontra l-Kostituzzjoni, meta ttratta mal-Kummissarju tal-Pulizija meta kien hemm ministru responsabbli, u ħassar l-ordnijiet ta' dan meta ma kkonsultax miegħu qabel, u b'hekk ġiegħel kriżi kostituzzjonali, u laqa' r-riżenja tal-ministri mingħajr ma kellu ministri oħra biex jassumu l-funzjonijiet tal-Gvern Malti;

(b) Il-Gvernatur, anki jekk qatt seta' aġixxa legalment meta ħa l-poteri u l-funzjonijiet tal-Gvern Malti f'idejh, naqas li jagħmel l-elezzjonijiet fil-ħames xhur li għaddew, u dan bla ebda raġuni valida fil-Kostituzzjoni, u għalhekk, meta huwa qiegħed jonqos għal dan id-dover li għandu skond il-liġi, li jipprovdi Assemblea Leġislattiva li tagħmel liġijiet u tikkontrolla l-Eżekuttiv f'isem il-poplu u biex jipprovdi ministeru, bl-ebda paradoss ġuridiku ma jista' jingħad li huwa qiegħed jeżerċita legalment u validament il-poteri tagħhom. Il-protezzjoni speċjali li għandu l-Gvernatur fl-art. 6 tal-Ordinanza tal-Istampa hija biss safejn testendi l-"Commission" tiegħu, li skond l-art. 4 tal-istess "Letters Patent (Office of Governor) 1947" hija biss biex jagħmel dawk l-affarijiet li għandu jagħmel skond l-istess Letters Patent u Letters Patent oħra viġenti, l-Istruzzjonijiet Irjali, l-Ordnijiet tal-Privy Council, u liġijiet oħra viġenti f'Malta, fil-waqt li l-artikolu nkriminat jattakka lill-Gvernatur bħala personalment responsabbli għall-Gvern Malti, funzjoni li huwa mhux talli mhux qiegħed jeżerċita skond il-Liġijiet, imma kontra l-liġi, għar-raġunijiet esposti fl-ewwel eċċezzjoni, li magħhom għandhom jiżdiedu dawn:—

(ċ) Ebda liġi tal-emerġenza ma saret li tawtorizza lill-Gvernatur li jagħmel funzjonijiet li fuqhom l-artikolu nkriminat attakka lill-Gvernatur; u jekk qatt saret, hija nulla, kemm għaliex kontra l-ispiritu tal-Kostituzzjoni li għadha viġenti, u li ħadd ħlief il-Parlament Ingliż, u eskluża l-Maestà Tagħha r-Reġina, ma jista' jneħħi, u kontra l-kelma espressa tal-istess "Malta Letters Patent (Constitution),

1947", art. 56, ukoll mhux abrogabbli ħlief mill-Parlament Ingliż, li l-kelma "Gvernatur" fl-affarijiet mhux riżervati fil-liġijiet ta' Malta għandha tfisser "Ministri";

(d) Il-Gvernatur, meta ħa l-Gvern Malti f'idejh, iddikjara espressament li ser jagħmel elezzjonijiet mill-iżjed fis possibbli, u għalhekk iddikjara lilu nnifsu "care-taker government", li skond il-prattika kostituzzjonali ma jistgħax jagħmel programm leġislattiv u amministrattiv ġdid mingħajr l-approvazzjoni tal-Assemblea Leġislattiva, fil-waqt li l-Gvernatur qiegħed jagħmel preċiżament l-oppost ta' dak li għandu jagħmel skond il-Kostituzzjoni u ta' dak li ddikjara huwa stess li sejjer jagħmel;

Illi, għalhekk, l-unika dispożizzjoni tal-liġi tal-Istampa li tista' tapplika għall-każ hija dik tal-art. 15, li tirrigwarda l-libell inġurjuż; u taħt din id-dispożizzjoni ġie eċċepit: (i) li l-artikolu mhux inġurjuż; (ii) li fl-każ li jiġi ritenut 'prima facie' inġurjuż, l-esponent irid il-prova tal-verità tal-fatti;

Illi, anki kieku kellu jiġi ritenut illi l-Gvernatur qiegħed jeżerċita l-poteri u l-funzjonijiet tal-Gvern Malti legalment, u għalhekk "qua" Gvernatur, skond il-prinċipji demokratiċi li għalihom jissottoskrivi l-Gvernatur, jibqa' dritt u dover tal-istampa li tikkritikah severament, kif tikkritika kwalunkwe gvern ieħor responsabbli; huwa ċert li qatt ma kienet intenzjoni tal-leġislatur li jirrendi l-awtokrazija bħal dik preżenti immuni mill-kritika u mid-dritt tal-prova tal-verità tal-fatti;

Rat il-verbal tat-2 ta' Ottubru 1958, li bih l-imputat Miller eċċepixxa li l-artikolu in kwistjoni ma jinġurjax u majikkaġunax mibgħeda jew disprezz lejn l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, u għall-finijiet tal-art. 29 iddikjara li huwa ma aġixxiex xjentement;

Rat il-verbal l-ieħor quddiem l-Ewwel Qorti, li bih l-imputat P.L. Micallef Stafrace talab li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali tissoprassjedi biex il-kwistjonijiet kos-

tituzzjonali nvoluti f'din il-kawża jiġu deċiżi mill-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Rat id-digriet tal-Ewwel Qorti tas-7 ta' Ottubru 1958, li bih ċaħdet din it-talba tad-difiża;

Rat il-verbal l-ieħor tal-istess jum, li bih l-imputat P.L. Micallef Stafrace talab quddiem l-Ewwel Qorti li jinstemgħa l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur biex jgħid fejn u kif fl-artikolu msemmi fiċ-ċitazzjoni hu ħass ruħu nġurjat u ġiet kaġunata lilu mibgħeda u disprezz, u eċċepixxa bħala ġustifikazzjoni l-verità tal-fatti msemmija fl-istess artikolu;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni opponiet din it-talba;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Diċembru 1958;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-7 ta' Ottubru 1958, li biha ddeċidiet billi, fil-waqt li rriġettat l-eċċezzjonijiet sollevati mid-difiża, u ċaħdet ukoll il-produzzjoni taxxhieda biex tiġi pruvata l-verità tal-fatti, u ċaħdet it-talba sabiex jinstemgħa l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, b'dan li ddikjarat li l-imputat Miller ma aġixxiex xjentement, u kkundannat lill-imputat P.L. Joseph Micallef Stafrace għall-piena ta' priġunerija għal żmien erbgħa tijiem u għall-multa ta' £35, u l-imputat Reginald Miller għall-ammenda ta' £5, u ordnat is-sospensjoni tal-publikazzjoni tal-gazzetta nkriminata għal żmien ta' xahrejn, u ordnat is-sospensjoni tal-liċenza mogħtija lill-istess imputat Miller bħala stampatur taħt l-art. 50 tal-imsemmija Ordinanza għal żmien ta' xahar; u, wara li rat l-art. 16 tal-Kodiċi Kriminali, tat fakoltà lill-imputati li jħallsu l-pieni pekunjarji f'rati ta' £3 fix-xahar, l-ewwel rata żmien xahar;

Rat ir-rikors tal-imputat Joseph Micallef Stafrace, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li jiġi liberat;

Rat ir-rikors tal-imputat Reginald G. Miller, li bih ukoll appella mill-istess deċiżjoni, u talab ir-revoka tagħha, u li hu jiġi liberat;

Rat il-verbal fol. 52, li bih id-difiża rreiterat quddiem din il-Qorti d-domanda tagħha li tagħmel il-prova tal-fatti konnessi mal-eċċezzjonijiet fuq imsemmijin;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża ssollevat il-preġudizzjali tan-nullità tal-azzjoni fuq il-motiv li, mentri skond l-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali l-azzjoni tmiss lill-Gvern, fil-fatt ma ġietx hekk eżerċitata, għaliex it-titolari tagħha għandu jkun il-Ministeru tal-Gvern Responsabbli Malti, u mhux il-Gvernatur, li skond id-difiża qed jaġixxi illegalment;

Għalkemm fil-kors tat-trattazzjoni orali f'din is-sedi tal-appell ma jidherx li d-difiża nsistiet fuq il-pont l-ieħor konness mal-preġudizzjali, fis-sens *li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali* għandha tissoprassjedi sakemm il-preġudizzjali tiġi deċiża mit-tribunali ta' Ġurisdizzjoni Ċivili, b'dan kollu, dak il-pont, ġa sollevat in prima istanza, ma ġiex irtirat; u minbarra li ġie sostnut quddiem l-Ewwel Qorti, jinsab ukoll imsemmi fir-rikors tal-appell; u għalhekk din il-Qorti għandha tinvestieh;

Ikkunsidrat;

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li taċċenna għall-każ ta' soprassessjoni* hija dik kontenuta fit-tieni subartikolu tal-art. 686 tal-Kodiċi Kriminali, u partikolarment bil-kliem "jew wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha";

Għandu jiġi qabel xejn osservat li, skond il-ġurisprudenza, is-soprassessjoni ma għandhiex tiġi faċilment konċessa; għaliex l-ordni publiku, li in ġenerali hu a bażi talproċeduri kriminali, jeħtieġ li jiġi ristabbilit sollecitament (ara App. Krim. "Pul. vs. Herbert", 30 ta' April 1938, Vol.

XXX-IV-550). U minbarra hekk, kif ġie ritenut mill-Qrati Taljani a propożitu tal-art. 92 tal-Kodiċi Kriminali Taljan, identiku f'dan il-pont għal dak tal-Kodiċi Malti (ara test taljan antik nru. 663), "tale articolo costituisce un'eccezione al principio generale della competenza piena del magistrato competente alla cognizione del fatto principale". U anki "...... il giudice della quistione principale è competente a conoscere le eccezioni che contro di essa si propongono" (ara para. 382 u 385 Repertorio Ugo Conti, comm. art. 92);

Dan kollu hu aktar veru f'każ bħall-preżenti, meta l-preġudizzjali ma taffettax kawża waħda, imma tista' taffetta l-kawżi kriminali kollha; għax f'kull kawża kriminali l-azzjoni hi publika (għad li tista' tkun persegwibbli, skond il-każ, jew "ex officio" jew b'istanza privata), u għalhekk id-dewmien ta' deċiżjoni dwar il-preġudizzjali jista' jippreġudika serjament l-andament tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali;

In-natura eċċezzjonali tas-soprassessjoni titnissel ukoll mir-regola enunċjata fl-art. 6 tal-Kodiċi, li l-azzjoni kriminali hija ndipendenti mill-azzjoni ċivili;

Barra minn hekk, kif ġie rilevat ukoll fil-ġurisprudenza taljana, sabiex ikun hemm lok għas-soprassessjoni, jeħtieġ li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali investita bil-kwistjoni prinċipali ma jkollhiex elementi bastevoli biex taqta' l-eċċezzjoni li għar-rigward tagħha tkun qegħdha tintalab is-soprassessjoni, jew li dik il-Qorti tkun fil-"giuridica impossibilità" li tiddeċidi l-kwistjoni prinċipali qabel ma tiġi deċiża minn tribunal ieħor l-eċċezzjoni (Conti. loc. ċit., para. 376, 393, 413);

Dan ma jirrikorrix fil-każ preżenti, fejn din il-Qorti għandha quddiemha elementi suffiċjenti biex tista' tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni u tiddeċidiha. Biex tiġi ordnata s-soprassesjoni, jeħtieġ li ikun hemm "neċessità giuridiche imprescindibili" (ibidem, para. 398), li f'dan il-każ ma jirrikorrux. F'bosta każijiet (ara, per eżempju, App. Krim. "Pul. vs. Gasan", 7.5.1952, u "Pul. vs. Anastasi, 10.1.1952)

din il-Qorti nvestiet kwistjonijiet inċidentali dwar nullità ta' liġijiet u regolamenti, bla ma ordnat is-soprassessjoni tal-kawża kriminali;

Għalhekk ma hux il-każ li tiġi ordnata s-soprassessjoni;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tan-nullità tal-azzjoni esperita f'din il-kawża;

Ir-raġunijiet li fuqhom id-difiża tibbaża din l-eċċezzjoni tagħha jinsabu ndikati fin-nota fol. 15 u fir-rikors tal-appell, u ġew elaborati fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti, similment presjeduta, kellha diġà l-okkażjoni li tikkunsidra u tiddeċidi eċċezzjoni identika fil-kawża "Pulizija vs. Vella", maqtugħa fl-10 ta' Mejju 1958; u rriteniet li l-eċċezzjoni mhijiex fondata, u li ma setgħax jingħad korrettament li ma hemmx Gvern li fih hija nvestita l-azzjoni għall-finijiet tal-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti ġiet għal dik il-konklużjoni prinċipalment in bażi għar-rivivixxenza tal-poter fil-Gvernatur bħala effett tal-Prerogattiva tal-Kuruna, u anki stante r-revoka tal-klawsola nru. 11 tal-"Instructions" li kienu ġew mogħtijin lill-Gvernatur fil-5 ta' Settembru 1947. L-Imħallef sedenti rrifletta fuq l-argumenti li f'din il-kawża tal-lum ġew sottomessi mid-difiża għar-rigward tal-istess preġudizzjali, u ma jidhirlux li jista' jasal għal konklużjoni diversa minn dik li wasal għaliha fil-kawża ċitata. Kwantu għall-motiv relattiv għall-Prerogattiva, fuq imsemmi, jista' jiġi aġġunt, in segwitu għal studji ulterjuri tal-Qorti kif presjeduta, illi fit-test "Responsible Government in the Dominions" ta' Berriedale Keith (1912 edit. pp. 115 et seq.), fejn hemm eżaminata l-kwistjoni, taħt it-titolu "Powers of the Governor", dwar "how much the Crown must be deemed to have vested in him (ċjoè fil-Gvernatur) of the prerogative", tingħata bħala risposta "all the powers necessary for the conduct of the Executive Government of the Colony". Il-Keith jirriferixxi wkoll għall-opinjoni ta' Jenkyns fit-test tiegħu "British Rule and Jurisdiction Beyond the Seas", fejn dan l-awtur jgħid:— "There is no doubt that a Governor will always be held to have had all the powers neces-

sary for meeting any emergency which may have required him to take immediate action for the safety of the Colony". Jispiċċa biex jgħid il Keith illi:— "The view that the colonial Governor has the full executive authority needed for the government of the Colony has now received the support of Profsesor Harrison Moore, and seems the only satisfactory theory of the Governor's position and attributes";

Huwa veru li l-poteri tal-Gvernatur — salva dejjem, f'ċerti eventwalitajiet, ir-rivivixxenza tal-poteri tal-Prerogattiva kif spjegat fis-sentenza fuq ċitata "Pul. vs. Vella" — huma delimitati mill-"Commission" tiegħu li tinnominah Gvernatur, mill-Letters Patent dwar il-kariga tiegħu, mill-"Instructions" li jiġu lilu mogħtija, minn xi Ordni-fil-Kunsill, u minn liġijiet oħra statwiti f'Malta; imma ma hux korrett dak li donnu ġie sostnut mid-difiża, li l-poter eżekuttiv, qabel ma nqalgħet il-kriżi dan l-aħħar — u kwindi l-Gvern — kien konċentrat fil-Ministri biss. Anki l-Gvernatur, kostituzzjonalment, kien parti mill-Gvern (ara spjegazzjoni fis-sentenza ċitata, u ara anki Anson, "Law and Custom of the Constitution", Vol. II, Part II, p. 68); u għalkemm, meta hemm Gvern Responsabbli, il-funzjonijiet tal-Gvernatur ikunu neċessarjament ristretti bil-fatt stess li jkun hemm il-Ministri, fil-każ tal-"Letters Patent, 1947," għal dak li kien jirrigwarda l-materji mhux riżervati, il-Gvernatur kellu jimxi fuq il-parir tal-Kunsill Eżekuttiv (ara klawsola nru. 11 tal-"Instructions"); imma appuntu dik il-klawsola ġiet abrogata. B'daqshekk ma jistgħax jingħad li ma kienx hemm aktar Gvern, għaliex kostituzzjonalment l-Eżekuttiv ma kienx jikkonsisti biss fil-Ministri, imma anki fil-Gvernatur, kif ġa ngħad;

Il-kwistjonijiet l-oħra sollevati mid-difiża in konnessjoni ma' din il-preġudizzjali jeżorbitaw mill-ambitu ta' din il-kawża. Infatti, hu tajjeb li jiġi notat li din il-Qorti mhijiex imsejħa f'din il-kawża, u fil-limiti tagħha, li tgħid x'setgħa u x'ma setgħax jagħmel in ġenerali, kostituzzjonalment, il-Gvernatur in segwitu tal-kriżi, imma hi biss imsejħa biex tgħid jekk, għall-finijiet tal-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali, fejn dan jistatwixxi li l-azzjoni kriminali tmiss

lill-Gvern, jistgħax jingħad li hemm Gvern; dan biss, u xejn aktar. U forsi ma hux barra minn loku li jiġi osservat li l-istess difiża, fir-rikors tal-appell, qiesha ma tinnegax *li almenu hemm "care-taker government; u suppost, għall-*grazzja tal-argument, li hu hekk, ċertament it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tidħol fil-funzjonijiet ta' "care taker government", għax, bla dubju, dik li tissejjaħ "day to day administration" tikkomprendi l-andament tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali;

Kif ingħad, ġie addott in sostenn tal-eċċezzjoni tan-nullità tal-azzjoni esperita mill-Pulizija, li l-Gvern aġixxa kontra l-Kostituzzjoni meta aċċetta r-riżenja tal-Ministri u ħa l-Gvern f'idejh; *li hu aġixxa kontra l-Kostituzzjoni* meta, bla ebda raġuni valida, għadu ma għamelx elezzjonijiet; u aġixxa wkoll anti-kostituzzjonalment meta eżegwixxa programm leġislattiv u amministrattiv mingħajr l-approvazzjoni tal-Assemblea Leġislattiva. Suppost, meramentgħall-grazzja tal-argument, li l-Gvernatur aġixxa b'dan il-mod, hu ċar li dawn ma humiex kwistjonijiet li jidħlu fil-portata limitata tal-eċċezzjoni f'din il-kawża, li, ma għandux jintnesa, hi marbuta mal-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali. Però, anki kieku wieħed kellu, għal mera ipotesi, jgħid *li l-Gvernatur* aġixxa anti-kostituzzjonalment, b'dan kollu l-validità o meno ta' xi attijiet minnu kompjuti ma taffettax il-kariga tiegħu ta' Gvernatur, li hija effett tan-nomina tiegħu in forza tal-Prerogattiva, u kwindi ma taffettax lanqas il-konklużjoni raġġunta fil-kawża "Pulizija vs. Vella" fuq ċitata u f'din, dik, ċjoè, li anki wara l-kriżi bħala Gvernatur hu kien jikkostitwixxi l-Gvern, li, almenu, kellu l-poter li jistitwixxi azzjonijiet kriminali għall-finijiet tal-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali;

Għalhekk ma jidherx li l-eċċezzjoni tan-nullità tista' tiġi akkolta;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni odjerna hi miġjuba taħt l-art. 6 tal-Kap. 117 Ediz. Riv, li fil-parti tiegħu rilevanti għal dan il-każ jgħid hekk:— "Kull min, bil-mezz imsemmi fl-art. 2...

jinsulta, jew jinġurja, jew jikkaġuna mibgħeda jew disprezz lejn il-persuna tal-Gvernatur"......";

Ir-riljevi tad-difiża huma, sostanzjalment, dawn li ġejjin:—

1. Id-difiża donnha kkritikat il-kontenut tal-art. 6 fuq imsemmi bħala dispożizzjoni odjuża;

2. Argumentat li dak l-art. 6 ma hux applikabbli, għaliex il-Gvernatur aġixxa kontra l-"Commission" tiegħu, u għalhekk ma għandux jitqies aktar Gvernatur għall-finijiet tal-protezzjoni speċjali li jagħtieh dak l-artikolu;

3. Sostniet li dak l-artikolu hu applikabbli biss meta jkun hemm Gvern Responsabbli, għax allura l-Gvernatur jkun kopert bir-responsabbiltà ministerjali, imma ma hux aktar applikabbli meta Gvern Responsabbli ma jkunx hemm, u meta l-gvern ikun f'idejn il-Gvernatur waħdu;

4. F'dan il-każ, ċjoè meta l-Gvernatur ikun ħa f'idejh il-Gvern, japplika allura biss, f'imputazzjonijiet ta' inġurja per mezz tal-istampa, l-art. 15 tal-Kap. 117 fuq imsemmi, ċjoè l-artikolu li jikkontempla każijiet ta' libell in ġenerali;

5. Per konsegwenza, malli jsir applikabbli dan l-art. 15, ikun hemm lok għall-prova tal-verità tal-konviċju;

6. U fi kwalunkwe każ, ladarba l-Gvernatur assuma waħdu l-gvern, hu suġġett għall-kritika bħal ma hu suġġett kull bniedem ieħor;

Dawn huma l-gravami tad-difiża, u din il-Qorti tipproponi teżaminahom partitament;

Kwantu għall-osservazzjonijiet dwar il-karattru odjuż tal-art. 6, apparti r-rifless li t-tribunal mhux imsejjaħ biex jikkritika l-liġi, imma biex jinterpretaha u japplikaha, għandu jiġi rilevat, għall-korrettezza, li dan l-art. 6 ma hux xi dispożizzjoni ntrodotta fis-sistema leġislattiv malti re-

ċentement għall-finijiet tal-emerġenza, bħala liġi eċċezzjonali, imma hu parti mill-liġijiet ordinarji tal-pajjiż; u ilu jeżisti minn mindu saret il-liġi ġdida tal-istampa tal-1933. Lanqas għandu wieħed jaħseb li din id-dispożizzjoni hi xi ħaġa partikulari tal-Liġi Maltija, għaliex dispożizzjonijiet simili jeżistu kważi fil-liġijiet kollha. F'publikazzjoni tal-1951, intitolata "Legislation for Press, Film and Radio", maħruġa taħt l-awspiċi tal-Unesco, paġ. 321, jingħad hekk, a propożitu ta' dispożizzjonijiet simili:— "We could go on to quote all the countries in the world; all have a law prohibiting attacks upon the honour of the highest representative or representatives of the nation. All legal systems are equally unanimous in penalising such attacks in all their forms, whether abuse, defamation or calumny......";

Issa, kwantu għal Malta, mis-sempliċi riskontru tal-art. 4, 5, 6 u 10 tal-Kap. 117, jidher ċar li l-liġi riedet tagħti protezzjoni speċjali lil ċerti persuni. Fl-art. 4 l-liġi pparifikat lill-Gvernatur għas-Sovran, kwantu għar-reat ta' inċitament għat-tneħħija tal-ħajja jew tal-libertà tagħhom; fl-art. 5 kkontemplat, "inter alia", reati ta' inġurja tas-Sovran; u fl-art. 6 kkontemplat ir-reat ta' inġurja lill-Gvernatur, jew lill-Arċisqof ta' Malta jew l-Isqof ta' Għawdex. b'piena ugwali għal dik komminata għall-istess reat kontra s-Sovran. U kien kapibbli li jsir hekk, għal din ir-raġuni. Fl-Ingilterra, ir-reat ta' vilipendju tas-Sovran jeżisti wkoll u jidħol taħt "Seditious Libel" (ara Fraser, "Law of Libel and Slander", p. 197; Ball, "Law of Libel as affecting Newspapers and Journalists", p. 144; Fisher and Strahan, "The Law of the Press", p. 244). Issa, għalkemm, kif ġie deċiż, il-Gvernatur tal-Kolonja "does not represent the Sovereign generally", imma, kif jgħid l-Anson, "Law and Custom of the Constitution", Vol. II, Part II. p. 78, "his office is constituted and his powers are defined by Letters Patent; he is appointed by "Commission"; and the manner in which his duties are to be carried out is set forth in his Instructions", b'dan kollu, fil-limiti tal-awtorità tiegħu hu jirrappreżenta s-Sovran (ibidem, pp. 78, 79, 80); u għalhekk, b'din il-liġi speċjali, hu ġie mogħti (kif ġie mogħti lill-Arċisqof ta' Malta u lill-Isqof ta' Għawdex) l-istess protezzjoni mogħtija lis-Sovran għal

dawk li huma nġurji. Dak li fl-Ingilterra jeżisti għas-Sovran, hawn Malta jeżisti tant għas-Sovran, kemm għall-Gvernatur, rappreżentant, fil-limiti fuq imsemmija, tas-Sovran;

Jista' utilment jiżdied li dan it-trattament speċjali tal-Gvernatur bħala rappreżentant tas-Sovran ma hux xi ħaġa li hi limitata għal din il-liġi tal-istampa; għaliex anzi, fis-sistema tal-Liġi Maltija, u proprju mill-primordji tad-dominazzjoni ngliża, il-Gvernatur ġie mqiegħed f'pożizzjoni privileġġjata għar-rigward ta' proċeduri legali. Infatti, non ostanti li mill-Qrati ngliżi ġie diversi drabi deċiż (ara sentenzi msemmijin fil-"Leading Cases in Constitutional Law" ta' Thomas, 4th edition, p. 84 et seq.) illi l-Gvernatur ma hux "privileged from being used in the Courts of his Colony", eppure hawn Malta, in forza ta' liġi speċjali li tidderoga għal dak il-prinċipju, il-Gvernatur "appuntu għaliex, għalkemm fil-limiti fuq imsemmija, hu jirrappreżenta s-Sovran", ġie mqiegħed "fl-istess pożizzjoni tas-Sovran" anki minn dan l-aspett. Infatti, hu risaput illi "no action can be brought against the Sovereign in person by a subject (Anson. Vol. II, P. II, p. 298); u appuntu bil-Proklama No. V tal-1828 il-Gvernatur ġie sottratt għal kollox mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Kolonja (ara wkoll Appell "Onor. Mabel Strickland vs. E. T. Robert Laycock", 23 ta' Jannar 1956);

Del resto, kif jidher mill-istudju tal-insenjamenti dottrinali dwar dispożizzjonijiet simili ta' kodiċijiet esteri, din il-protezzjoni speċjali ma hix bla raġuni, għaliex hi dovuta, "ad una necessità di salvare il prestigio della funzione"; vwoldiri, biex niġu għall-każ ta' Malta, il-Gvernatur hu speċjalment difiż mill-liġi "come istituzione, oltrecchè come persona";

Mhijiex aċċettabbli l-osservazzjoni tad-difiża li l-Gvernatur tilef din il-protezzjoni speċjali għaliex, kif tgħid id-difiża hu għamel attijiet anti-kostituzzjonali. Kif diġà rrilevat il-Qorti, anki kieku kellu, għall-grazzja tal-argument, jiġi suppost li saru dawn l-attijiet illegali, b'daqshekk ma tiġix il-konsegwenza li hu ma jibqgħax Gverna-

tur, ċjoè dak li ġie nominat mill-Kuruna bħala l-uffiċjal imsemmi fl-ewwel klawsola nterpretattiva tal-Kostituzzjoni tal-1947 (ara Keith, loc. ċit., paġ. 102 et seq.). L-allegata illegalità tista' talvolta ġġib, fl-agħar ipotesi, in-nullità ta' dawk l-attijiet, imma ma ġġibx li hu ma jibqgħax gvernatur, ċjoè dik il-persuna li favur tagħha hemm it-tutela speċjali ta' dak l-art. 6 tal-Liġi tal-Istampa, li kkrea dan ir-reat speċjali, bħala "the law of the land", li l-Qorti għandha tosserva;

Kwantu għall-argument tad-difiża li l-art. 6 hu applikabbli biss meta jkun hemm Gvern Responsabbli, u mhux meta l-gvern ikun f'idejn il-Gvernatur waħdu, il-Qorti rriflettiet "a lungo" fuq dan l-argument, u sabet li ma hux aċċettabbli, għar-raġunijiet li sejrin jingħadu. Huwa veru li, kif jirrileva l-Frola (Ingiurie e Diffamazioni, p. 625), is-Sovran (fil-każ tagħna l-Gvernatur) hu protett aħjar meta jkun hemm ministri responsabbli, għaliex allura n-nazzjon tista' tiċċensura lill-ministri għall-amministrazzjoni tagħhom, mentri, meta ministri ma hemmx u l-Gvern, fil-każ tagħna, ikun f'idejn il-Gvernatur waħdu, il-kritika bilfors taqa' fuqu; b'dan kollu, mhux talli l-art. 6 ma jagħmel ebda distinzjoni bejn Gvernatur meta hemm Gvern Responsabbli u Gvernatur meta ma hemmx Gvern simili, imma l-istudju eżeġetiku ta' din il-liġi jieħu proprju għall-konklużjoni opposta. Kif ingħad, din il-Liġi tal-Istampa, li rrimpjazzat dik ta' qabilha (Ordza. XIV tal-1889), saret mill-Gvernatur fid-9 ta' Novembru 1933. Issa, kif jidher mill-attijiet uffiċjali tal-1933, il-Gvern Parlamentari f'Malta kien ġie sospiż fit-2 ta' Novembru 1933, u l-Gvernatur ta' allura, Sir David Graham Muschet Campbell, ħa f'idejh il-gvern waħdu. Issa, hu irraġjonevoli li wieħed jissupponi li liġi ntiża biex tagħti protezzjoni speċjali lill-Gvernatur f'perijodu meta dan kien ftit ġranet qabel assuma waħdu l-amministrazzjoni, u kien għalhekk privat milli jkun kopert bir-responsabbiltà ministerjali, kienet sejra irrealistikament tkun limitata għall-każ li jkun hemm f'Malta dak il-Gvern Responsabbli li kien għadu kemm tneħħa ftit ġranet qabel; mentri jidher raġjonevoli l-kuntrarju, illi ċjoè, peress li ftit ġranet qabel kienet ġiet nieqsa, bir-revoka tal-Gvern Responsabbli, il-protezzjoni tar-responsa-

abbiltà ministerjali, il-leġislatur ried, minflok, jagħti lill-Gvernatur il-protezzjoni speċjali tad-dispożizzjoni tal-art. 6. Jista' jiżdied ukoll li, bi Gvern Responsabbli jew le, il-Gvernatur jibqa' dejjem tali, ċjoè dak li l-liġi riedet tipproteġi speċjalment b'din id-dispożizzjoni;

Issa, jekk il-liġi kkontemplat b'dispożizzjoni speċjali l-każ ta' inġurji lill-Gvernatur, ma hux ammissibbli li jingħad li għandu jiġi applikat, minflok, l-art. 15 ta' din il-liġi, li jikkontempla l-libell in ġenerali; hu ovvju li jekk fl-istess liġi hemm dispożizzjoni "ad hoc", din, bħala dispożizzjoni ġenerali, in bażi għall-massima "in toto jure ġeneri per speciem derogatur";

Issa, fil-każ ta' "libell in ġenerali", il-prova tal-verità tal-fatti ("exceptio veritatis" — "plea of justification") hi ammessa fil-ħames każijiet enumerati fl-art. 16, liema artikolu jagħmel riferenza biss għall-art. 15 dwar il-libell in ġenerali. Id-difiża talbet li tagħmel din il-prova tal-verità fil-każ odjern. Kif ingħad, però, dan il-każ ma jaqgħax taħt l-art. 15, u kwindi lanqas taħt l-art. 16, li jagħmel riferenza biss għall-art. 15, imma jaqa' taħt l-art. 6, u f'dan l-art. 6 l-prova tal-verità ma tissemmiex. Dan hu konformi ma' sistemi leġislattivi oħra; u d-dottrina tispjega illi l-istess "raison d'etre" ta' din id-dispożizzjoni ġġib ukoll li mhijiex permessa l-prova tal-verità tal-fatti. Din ma hix ħaġa speċjali għall-Liġi Maltija, imma l-pożizzjoni hi ugwali f'liġijiet oħra. Fil-publikazzjoni ċitata tal-Unesco, a propożitu ta' din il-materja, jingħad:— "Thus all legal systems prohibit proof of defamation" (p. 317). U ara wkoll paġ. 321, fejn jingħad, dejjem f'din il-materja: "......and in no case is proof of veracity admitted";

Jgħid il-Fraser, a propożitu tad-dispożizzjoni ugwali, kif fuq spjegat, tas-"seditious libel" (inġurja għas-Sovran) fis-sistema ngliż, p. 199:— "It should be noticed that a defendant is not allowed to set up as a defence upon the trial of an indictment or information for the publication of a...... seditious...... libel that such words are true......". U għandu jiġi osservat li fid-dispożizzjoni ngliża hemm appuntu, għar-rigward tas-Sovran, l-istess kliem li hemm

fl-art. 6 għar-rigward tal-Gvernatur — "bring into hatred or contempt" (Fraser, loc. ċit., paġ. 197);

L-istess jgħid il-Ball, loc. ċit. paġ. 143, u Fisher and Strahan, loc. ċit. li fil-paġ. 241 jgħid:— "Finally, in their case truth is no defence, or, in other words, they cannot be justified". U ċ-Chassau, fit-trattat tiegħu "Delits et Contraventions de la parole, de l'ecriture, et de la presse", Tome Premier, paġ. 209, jesprimi ruħu hekk:— "De là, la necessité de repousser la preuve de la verité du fait imputé. Tout le jurisconsultes sont d'accord a ce sujet et la jurisprudence des tribunaux est constante";

Issemma fid-dibattitu l-każ "Pulizija vs. Scorey", deċiż minn din il-Qorti, similment presjeduta, fl-10 ta' Jannar 1949. F'dak il-każ saru provi dwar il-fatti. L-analoġija, però, ma treġġix. Infatti, anki apparti d-differenza msemmija mill-Ewwel Qorti, jekk wieħed jeżamina l-inkartament ta' dak il-każ, isib li ċ-ċitazzjoni spikkata kontra dak l-imputat kienet dupliċi; kien hemm fiha mputazzjoni bħal dik odjerna, ċjoè taħt l-art. 6, iżda kien hemm anki, akkoppjata magħha, imputazzjoni oħra taħt l-art. 15 dwar libell; u per konsegwenza saru provi in ġustikazzjoni in konnessjoni mal-imputazzjoni "tal-libell", konformement għad-dispożizzjoni tal-art. 16. F'dan il-każ, inveċe, l-imputazzjoni hi unika, ċjoè taħt l-art. 6 biss;

Għalhekk, apparti x'kien ikun ir-riżultat eventwali ta' din il-prova, l-imputazzjoni taħt l-art. 6 ma tammettix il-prova tal-verità mitluba mid-difiża;

Ġie osservat li b'daqshekk jiġi li l-Gvernatur ikun għal di sopra ta' kull kritika. Din l-osservazzjoni mhijiex f'lokha. Il-pożizzjoni ġusta tidher, inveċe, li hi din: meta jkun hemm il-ministri hu naturali li l-kritika tal-amministrazzjoni tiġi rivolta lilhom, għax, kif jesprimi ruħu Lord Rochester, ċitat fl-Anson, Vol. II, P.I. p. 298, "Ministers are accountable for all"; meta ministri ma hemmx, jeħtieġ dejjem li ċ-ċittadin jibqa' jkollu d-dritt invjolabbli u sakrosant li jikkritika l-attijiet tal-Gvern, u għalhekk, meta l-attijiet tal-Gvern ikun qiegħed jagħmilhom il-Gvernatur

waħdu, allura hu naturali li l-kritika tal-amministrazzjoni tiġi rivolta lilu; imma altru kritika fil-limiti ġusti, u altru nġurji. Ħadd, ċertament, ma jista' jinnega liċ-ċittadin id-dritt li, għal dawk li huma attijiet ta' amministrazzjoni, meta dawn ikunu f'idejn il-Gvernatur biss, jassoġġettawh bħala Gvern għal kritika obbjettiva dwarhom, u ma jidher bl-ebda mod li l-art. 6 għandu jiġi nterpretat bħala ostattiv għal din il-kritika; imma jekk dik il-kritika tiskonfina mill-limiti ġusti, u tittramuta f'attakk personali u f'inġurji, allura wieħed għandu neċessarjament jaqa' fl-ambitu tal-art. 6, għax dak l-artikolu, u ebda ieħor, jikkontempla l-każ ta' nġurji lill-Gvernatur;

Wara li ddisponiet minn dawn il-punti, dil-Qorti tgħaddi issa biex teżamina l-artikolu nkriminat. Dan hu l-artikolu editorjali li deher fil-ġurnal "is-Sebħ" taħt it-titolu "Tixwix tat-Times of Malta", fin-numru tat-18 ta' Settembru 1958. Kopja ta' dan in-numru tal-ġurnal tinsab fl-inkartament, fol. 11;

Id-difiża kienet talbet li jinstama' bħala xhud l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, sabiex jgħid fejn u kif, fl-artikolu msemmi fiċ-ċitazzjoni, hu ħass ruħu nġurjat, u ġiet kaġunata lilu mibgħeda u disprezz. Peress li l-pont jekk għandux jew le jinstemgħa bħala xhud il-Gvernatur (salvi konsiderazzjonijiet oħra) kien jiddependi maġġjorment mis-soluzzjoni tal-kwistjoni jekk f'dan il-każ hux applikabbli l-art. 6 jew l-art. 15 tal-Kap. 117, għalhekk din il-Qorti, bil-provvediment tagħha fol. 53, ordnat lill-Prosekuzzjoni li tindika liema huma speċifikatament il-partijiet tal-artikolu nkriminat li l-istess Prosekuzzjoni tirritjeni li jivvjolaw l-art. 6 tal-Kap. 117, u li, jekk jidhrilha li hu l-każ, tindika wkoll l-"innuendo" li talvolta tista' taħseb li hemm lok għalieh. Bin-nota tagħha fol. 57 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li (a) l-artikolu kollu kemm hu jattakka lill-Gvernatur fil-funzjonijiet u fid-doveri tiegħu ta' Gvernatur u li t-ton tal-artikolu kollu hu oġġezzjonabbli; (b) li fl-artikolu nkriminat hemm riferenza għall-karikatura, ossija "cartoon", li dehret fis-"Sebħ" tas-6 ta' Awissu 1958 (fol. 10 tergo tal-proċess), u li din il-cartoon" hi offensiva in kwantu timplika dak kollu li jingħad fin-nota tal-

Prosekuzzjoni fol. 58; u (ċ) li partikolarment hu offensiv il-bran tal-artikolu li hu hawn taħt riportat (in kwantu qed jivvilifika lill-Gvernatur bil-mod indikat fin-nota fol. 58 u 59), ċjoè dan il-bran:— "Aħna għalina l-Ġeneral Laycock spiċċa minn rappreżentant tar-Reġina minn dak inhar li ordna li jissawtu bil-lembubi l-ħaddiema ġewwa l-Belt. Minn dak inhar aħna fil-Ġeneral tal-Commandos ma rajniex ħlief dittatur assolut, neguzjant tal-ilsiera";

L-ebda kritika ma hi qawwija biżżejjed meta din tkun diretta fuq bniedem li ħa f'idejh l-amministrazzjoni ta' poplu kontra r-rieda tal-istess poplu, iżda bis-saħħa tal-bajjunetti, tal-lembubi, tal-gas tad-dmugħ, u tal-ħabs. L-ebda kritika ma hija ħarxa biżżejjed meta din tkun diretta lejn bniedem li nnegozja mal-ħaddiema maltin bħal ma n-negozjanti tal-ilsiera kienu jinnegozjaw mill-ilsiera tagħhom fis-swieq ta' Ruma u ta' Bagdad. L-ebda kritika ma hi barra minn lokha meta din tkun diretta lejn bniedem li jibża' jordna nkjesti fuq skandli speċifiċi, bil-konsegwenza loġika li għandek taħseb li dan il-bniedem jibża' li minn dawn l-inkjesti joħorġu l-imbrolji tal-ġrieden il-kbar";

Għandu jingħad li, anki kieku l-Prosekuzzjoni ma għamletx riferenza għall-artikolu sħieħ, l-istess din il-Qorti kienet tikkunsidra l-bran fuq riportat fuq l-isfond tal-artikolu kollu, sabiex jiġi osservat il-prinċipju li għandhom jitqiesu l-kliem partikulari, iżda dejjem fil-kontest tal-artikolu sħieħ (ara Ball, "Libel and Slander", p. 54 et seq.; Odgers p. 24, 1911 edition; u Gatley, p. 123, 1953; u ara wkoll id-Dicta ta' C.J. Tindal, ta' Lord Halsbury, u ta' Lord Ellenborough, ċitati l-ewwel tnejn fil-Kollez. Vol. XXXIII-IV-796, u l-aħħar wieħed fl-Odgers, loc. ċit.);

Ikkunsidrat;

Id-difiża, apparti t-talba tagħha biex tipprova l-verità tal-fatti, li dwarhom ġa ngħad superjorment, invokat l-iskriminanti tal-"fair comment", u osservat li, meta wieħed jaqra l-artikolu ntier, għandu jipperswadi ruħu li bil-kliem inkriminat l-artikolista ried jgħid biss li l-Gvernatur kien qed jaġixxi anti-kostituzzjonalment, li kien qed

isir it-trasferiment tal-ħaddiema tad-Dockyard lid-ditta "Bailey" mingħajr il-konkors tar-rappreżentanti tal-poplu, u li l-Gvernatur ma kienx għamel sewwa meta ddisdiċa l-istruzzjonijiet tal-allura Prim Ministru lill-Kummissarju tal-Pulizija fl-okkażjoni tad-disturbi ta' April 1958;

Proprjament, "in subjecta materia", dan il-mezz defensjonali ma hux tal-"fair comment", iżda dak tal-"libertà tal-kritika ġornalistika", għax teknikament, f'din il-materja (li, kif ingħad fid-Dritt Ingliż, tidħol taħt "seditious libel"), ma hijiex, "stricto jure", "available" id-difiża tal-"fair comment" "ut sic" (ara Crim. Law, Cross & Jones, p. 267). Iżda, peress li d-difiża waħda u l-oħra huma analogi, għar-raġuni li, jekk il-"comment" hu "fair", il-kritika hi ġusta, għalhekk ma jistgħux ma jkunux utili wkoll, "mutatis mutandis", il-prinċipji regolanti d-dottrina tal-"fair comment", appuntu biex il-ġudikant jara jekk il-kritika hijiex "reasonable criticism" (ara Cross & Jones, loc. ċit., p. 249);

Għandu jiġi anki osservat li fl-artikolu nkriminat, u speċjalment fil-bran partikolarment denunzjat, hemm pjuttost allegazzjonijiet ta' fatt milli kommenti (ara r-rilievi tal-Gatley dwar din id-distinzjoni, loc. ċit. p. 338 u 339). Iżda din il-Qorti, fl-intendiment li tagħti, skond il-prinċipji liberali tad-Dritt Kriminali Malti, l-akbar latitudini lid-difiża, sejra tikkunsidra l-bran partikolarment denunzjat bħala li jikkontjeni kommenti taħt forma ta' allegazzjoni ta' fatt. Qal Bristowe J. in Crawford v. Allen (1917) S.A.L.R. (App. Div. p. 106):— "An inference or comment may take the form of a statement of fact". U l-istess Gatley jgħid (loc. ċit., p. 340):— "But words which, taken by themselves, would appear to be a positive allegation of fact, may be shown by the context to be a mere expression of opinion or argumentative inference";

Issa hu spedjenti li l-Qorti teżamina x'inhuma l-limiti ta' din il-kritika;

Hu komunement riċevut li l-komment għandu jkun, kif wieħed jista' jiddeżumi mill-istudju "passim" tad-diversi deċiżjonijiet tal-Qrati Ngliżi, "reasonable", ossija "mo-

derate", ossija, kif jinghad ukoll, "temperate" jew "just". Qal L.J. Bowen in Merivale v. Carson, 20 Q.B.D., pp. 283-284:— "In this country a man has a right to hold any opinion he pleases and to express his opinion; provided that he does not go beyond the limits which the law calls fair". U fil-kawża "Wason v. Walter, L.R. 4, Q.B. p. 96, intqal:— " . . . . . in the first place the jury must be satisfied that the comments had been made with an honest belief in their justice. But that this was not enough, in as much as such belief might originate in the blindness of party zeal, or in personal or political aversion; that a person taking upon himself publicly to criticise and to condemn the conduct or motives of another, must bring to the task not only an honest sense of justice, but also a reasonable degree of judgment and moderation, so that the result may be . . . . . a fair and legitimate criticism on the conduct and motives of the party who is the object of censure";

U fil-Ball, "Law of Libel and Slander", p. 91, jissemma l-"excess" tal-"language of the comment", li jista' "defeat the plea of fair comment";

Kif qal Lord Porter in Turner vs. Metro Goldwyn Mayer Ltd. (1950), 1 All E.R. 449, p. 461, jeħtieġ li l-kritika ma tkunx "mere abuse or invective under the guise of criticism";

Jingħad fit-test "The Law of Libel and Slander" ta' Coleman Folkard, p. 242:— "The public conduct of a public man is a matter of public interest and may be discussed with the fullest freedom. It may be made the subject of hostile criticism and of hostile animadversions; provided the language of the writer be kept within the limits of an honest intention to discharge a public duty, and is not made a means of promulgating slanderous and malicious allegations. The question for the jury is whether the writer has transgressed the bounds within which comments upon the character of a public man ought to be confined, and whether, instead of a fair, reasonable and honest comment upon the circumstances, it was made an

opportunity for gratifying personal vindictiveness and hostility";

Dan l-awtur jiċċita wkoll (p. 624) brani minn indirizz ta' Lord Ellenborough "in pari materia". Dan jgħid li ma hemmx xejn inġurjuż jekk dak li jiġi publikat jintqal "with perfect decency and respect" u "without any imputation of bad motives". Imma, jekk l-artikolista jmur "one step further, u jinsinwa li l-persuna ċensurata aġixxiet "from any partial or corrupt view", jew "with the intention to favour or oppress an individual or class of men", allura l-publikazzjoni ssir "most libellous", u tkun teċċedi "the freedom of discussion on political subjects which the law permits";

L-awturi Fisher and Strahan "The Law of the Press", p. 190, jiċċitaw lil C.J. Cockburn, fejn dan qal, "in subjecta materia", li ma hemmx inġurja "so long as the writer keeps within the bounds of truth and the limits of just criticism". Jgħid ukoll il-Bishop, "Criminal Law", Vol, 2, pag. 505, para. 926:— "The object of this branch of our legal system is not to interfere with temperate and reasoning discussion of political questions . . . . ."; u dan hu sewwa, għaliex, avvolja, kif esprima ruħu Lord Kenyon, C.J. in R. vs. Reeves", Peake. Add. 84; 26 How St. Tr. 530, "considerable latitude must be given to political writers", jibqa' dejjem li, anki fl-artikoli politiċi l-kritika jeħtieġ li tkun mantenuta fil-limiti ġusti;

Hu anki ta' min josserva, f'din il-materja, li l-istampa ma għandhiex xi privileġġ speċjali, imma dak stess taċ-ċittadin ordinarju;

Qal Lord Shaw in Langlands v. Long, 1916 S.C. (H. 1), p. 110:— "A newspaper has the right, and no greater or higher right, to comment upon a public officer or person occupying a public situation, than an ordinary citizen would have";

F'dan is-sens intqal fil-kawża Campbell vs. Spottiswoode (1863) 32 L.J., Q.B., p. 201:— "The right of com-

ment on a matter of public interest is not the peculiar privilege of the Press". U l-istes Lord Shaw in Arnold vs. King Emperor (1914) *83 L.J., P.C. p. 300*, qal:— "To whatever length the subject in general may go, so also may the journalist; but, apart from statute law, his privilege is no other and no higher . . . . the range of his assertions, his criticisms, or his comments, is as wide as, and no wider than, that of every other subject. No privilege attaches to his position";

Fil-ligi tagħna preċedenti — Ordinanza XIV tal-1889 — kien jingħad, għalhekk, fl-ewwel artikolu:— "La pubblicazione di scritti *stampati è libera. Questa Ordinanza ne* reprime gli abusi" — kliem li sostanzjalment jammentaw għal dak li qal Lord Mansfield in R. vs. Dean of St. Asaph, 3 T.R. 431:— "The liberty of the Press consists in printing without any previous imprimature, subject to the consequences of the law";

Lord Kenyon esprima ruħu konċiżment in P. vs. Cuthall 27 Howell's St. Tr. 675:— "A man may publish anything which is not blamable". U fil-kawża Ambard v. The Attorney General of Trinidad, deċiża mill-Privy Council fit-2 ta' Marzu 1936, il-"liberty of the press" ġiet definita bħala "..... no more than the liberty of any member of the public to criticise freely, but temperately and fairly";

L-awtur Piromallo, Primo Presidente Ordinario tal-Qorti tal-Cassazione, fit-test tiegħu reċenti tal-1953 "Ingiuria e Diffamazione", jgħid hekk:— "Il diritto di libertà di cronaca incontra un limite insuperabile nella incriminazione della diffamazione per mezzo della stampa"; u jiċċita minn deċiżjoni tal-"Corte Suprema", fejn jingħad dan:— "Il diritto di libertà giornalistica non può invocarsi indiscriminatamente e illimitatamente in uno Stato rispettoso della libertà di tutti". U jgħid ukoll:— "Or se si considera da un lato la libertà di espressione del proprio pensiero, quale attributo della personalità, e dall'altro l'obbligo di non offendere, non appare difficile la coesistenza delle norme che li governano nel limite della prima, costituito dalla osservazione dell'altro, vale a dire nella libertà di dire ciò

che si vuole finchè non si offenda altri ....." U jżid:— "Il diritto di poter manifestare liberamente il proprio pensiero con ..... lo scritto ..... è all'attivo; ma al passivo è il limite costituito dal diritto spettante a tutti gli uomini di non veder lési i loro diritti". U josserva wkoll li "....l'uso del'a libertà cessa dall'essere proprio allorchè degenera in licenza" (ara pp. 11, 16, 17, 23);

Ikkunsidrat;

Issa, meta wieħed jeżamina l-artikolu nkriminat fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji indubitati, anki jekk japplikahom b'deżà ta' libertà, ma jistgħax ma jasalx għall-konklużjoni li b'dak l-artikolu l-persuna tal-Gvernatur ġiet insultata u vilifikata, u ġie kagunat lilha mibgħeda u disprezz. Il-kliem tal-liġi (art. 6 Kap. 117) li fihom jikkonsisti l-element materjali ta' dan ir-reat huma dawn:— "....insult, revile, or bring into hatred or contempt the person of the Governor". Il-kliem "bring into hatred or contempt" ma jirrikjedux elaborazzjoni. Il-kliem "insult" u "revile" ifissru, skond dak li hu dottrinalment u paċifikament aċċettat, pubblikazzjoni tali li "tends to lower him in the estimation of right-thinking men". Dan hu t-test adoperat mill-Gatley, loc. cit, p. 2, fejn jirriferixxi ruħu għall-każ "Sim v. Stretch" (1936) T.L.R. 669, li fih Lord Atkin qal hekk:— "Would the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally?"

Ħadd, ċertament, ma kien jista' jinkolpa lill-artikolista kieku, wara li enunċja, mhux bi travizament u eżaġerazzjoni, imma ġjustament u korrettament, iċ-ċirkustanzi ta' fatt, ikkommenta u lmenta b'mod sobriju u temperat anki jekk bi kliem vivaċi, li fil-fehma tiegħu, tajba jew ħażina ma jimpuratx, il-Gvernatur kiser il-Kostituzzjoni, jew li ma kienetx ħaġa sewwa li jsir it-trasferiment lid-ditta "Bailey" meta ma hemmx fil-pajjiż gvern rappreżentattiv jew responsabbli, jew li l-Gvernatur ma kienx imissu jikkontromanda l-istruzzjonijiet tal-allura Prim Ministru lill-Kummissarju tal-Pulizija fl-okkażjoni taddisturbi; imma l-artikolista xejn affattu ma għamel dan;

il-kritika tiegħu ma kienetx kritika obbjettiva taċ-ċirkustanzi, imma b'linwaġġ għal kollox immoderat assuma ċerti fatti, żnaturahom, u in konnessjoni magħhom għamel attakk personali kontra l-Gvernatur b'invettivi u kontumelji li jeċċedu bil-bosta l-limiti ta' kritika ġusta u leċita;

Infatti, fil-bran inkriminat, bil-kliem fih kontenuti, qegħdin jiġu mputati lill-Gvernatur kondotta oppressiva; abbuż serju tal-karika tiegħu, tant li saħansitra ddemerita l-kwalità ta' rappreżentant tar-Reġina; moħqrija u maltrattament tal-poplu, inġustizzji, parzjalitajiet u favoritiżmi lejn dawk in-nies li fl-artikolu jissejħu "il-ġrieden il-kbar", b'mod li hu jrid jgħatti l-imbrolji tagħhom; dispotiżmu sorrett bl vjolenza armata kontra l-poplu u użurpazzjoni ta' poteri. Lanqas jista' jiġi menomament dubitat li imputazzjonijiet ta' din ix-xorta għandhom it-tendenza li jbaxxu lill-Gvernatur fl-istima taċ-ċittadini ben pensanti, u li jġibu mibgħeda u disprezz lejn il-persuna tiegħu (ara anki, għal eżempji analogi, kwantu għall-"oppressive conduct" il-Gatley, p. 25 u 37, kwantu għall-abbużi fil-kariga idem p. 37, u Odgers loc. ċit., p. 25, kwantu għat-taċċja ta' "dictator in office" "Sacks v. Werkerspers Bpk. 1952, S.A.L.R., 261, kwantu għall-favoritiżmi Gatley p. 37, Odgers p. 26, u anki paġ. 56, fejn hemm riferenza għall-każ ta' uffiċjal publiku li "covereth and hideth felonies", kwantu għall-imputazzjoni ta' "improper motives", konsistenti filli jibża' li joħorġu l-imbrolji tal-ġrieden kbar, Folkard, loc. ċit., p. 624); liema imputazzjonijiet, kif wieħed jista' faċilment jara, indubbjament huma ta' ċerta gravità;

Dan għal dak li hi l-materjalità tar-reat;

Kwantu għall-element morali, hu paċifiku li ma hix meħtieġa għall-integrazzjoni tar-reat in parola l-intenzjoni speċifika tal-iskrivent li jivvilifika. Jgħid il-Kenny, "Outlines of Criminal Law". 1954 edition, p. 366, li "the publication need not be malicious in the statutory sense of evil intention". Ingħad fil-ġurisprudenza ngliża illi:— "The law looks at the tendency and at the consequences of the publication, not at the intention of the publisher......

If the defendant has published words which have in fact injured plaintiff's reputation, he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act" (ara wkoll, għal dawn il-propożizzjonijiet, Haire v. Wilson, 9 B. & C. 643; Fisher v. Clement, 10 B. & C. 472; Hulton & Co. v. Jones, 1910, App. C. 20);

L-istess prinċipji dwar l-element morali hemm fil-ġurisprudenza taljana, fejn jingħad appuntu:— "Il dolo nella diffamazione commessa col mezza della stampa è "in re ipsa", onde non è da far ricerca sull'animo vero e proprio di diffamare"; u "in generale, quando si addebita ad una persona un fatto diffamatorio, è assurdo pretendere che non si ha in animo di offenderla, se la lesione alla di lei riputazione si consuma appunto con l'imputarle un fatto odioso" (ara Rep. Gpza. Cod. Crim. di Ugo Conti, comm. art. 393, para. 692, 696, 699 u 616; ara wkoll Frola, Delle Ingiurie e Diffamazioni, li jiċċita p. 22 l-awtorità tal-Carmignani u tax-Chassau";

Ikkunsidrat;

Kif ġie rilevat, ix-xorta tal-lingwaġġ użat hu suffiċjenti biex jiddistruġġi l-iskriminanti tal-kritika ġusta. Tista', "ad abundantiam", tiżdied ċirkustanza oħra, li hi din. Ġie ritenut f'materja analoga, fil-ġurisprudenza reċenzjori ngliża, u bir-raġun, illi, jekk ikun hemm xi indizju ta' xi "animus" ostili mill-parti tal-iskrivent, allura dan l-"animus" jiddistruġġi d-difiża tal-kritika ġusta (ara Thomas v. Bradbury, Agnew & Co. Ltd. (1906) 2 K.B. 627, u Plymouth Mutual Cooperative and Industrial Society Ltd. v. Traders' Publishing Association Ltd. (1906)1, K.B. 403). Issa, fl-istess artikolu nkriminat hemm imsemmija karikatura li dehret fl-istess ġurnal "Is-Sebħ". Infatti, jingħad hekk:— "U Masu Hedley ħa għalieh għaliex ma tefgħuniex il-ħabs wara l-karikatura li xandarna fil-ġurnal tagħna fis-6 ta' Awissu, fejn ġibna lill-General Laycock merfugħ fuq l-idejn fil-marċ". Din il-karikatura, li tagħha l-artikolista assuma hekk il-paternità, tinsab fl-inkartament odjern fil-paġ. 10 tergo, ċjoè fil-paġ. 8 tan-numru tas-"Sebħ" tas-6 ta' Awissu 1958, li hu eżibit. Issa, hu paċifku

li l-karikatura tista' wkoll tkun libelluża. Qal C.J. Shaw in Sllis v. Kimball (1834) 33 Mass. R. p. 134 (ċitat in nota nru. 20 paġ. 19 mil-Gatley. loc. ċit.):— "A man may be as grossly libelled, as effectually exposed to hatred, contempt and ridicule, by a caricature as by written language";

Biżżejjed wieħed jagħti ħarsa lejn din il-karikatura, ossija "cartoon", biex jara li ma hijiex, kif ippretenda jagħti ad intendere l-artikolista fir-riferenza li għamel għaliha fl-artikolu akriminat, sempliċi rappreżentazzjoni innoċua tal-Gvernatur merfugħ fuq l-idejn waqt marċ, imma fiha nnifisha u fiċ-ċirkustanzi tal-"context" tagħha lokali, hija karikatura sommament offensiva, bl-implikazzjonijiet u bl-"innuendi" li ġew korrettament indikati finnota tal-Prosekuzzjoni fol. 58. Issa, fil-waqt li hu veru li din il-karikatura ma hijiex dedotta speċifikatament fiċċitazzjoni bħala bażi tal-imputazzjoni, tinsab però msemmija fl-istess artikolu li hu bażi ta' dak l-imputazzjoni, u n-numru tal-ġurnal li deher fih ġie wkoll eżibit maċ-ċitazzjoni; u barra minn hekk, hu dottrinalment paċifiku li l-ispiritu tal-"gratification of malice" jista' jiġi nferit minn xi "document referred to' (Gatley, idem p. 123), u anki minn dak li ġie pubblikat qabel fl-istess ġurnal. Hekk, per eżempju, fil-kawża Macleod vs. Walsley, 3 C. & P. 311, Lord Tenterden ammetta, bħala ndizju ta' dan l-"animus" paragrafu pubblikat fil-ġurnal ftit "qabel" ma ġie pubblikat l-iskritt inkriminat. Dan kollu jfisser li dik il-karikatura, anki jekk wieħed jgħid li ma tidħolx fl-imputazzjoni "ut sic", hi però prova ta' dik l-"ill will" jew "animosity" li teskludi d-difiża tal-kritika ġusta;

Ġie osservat mid-difiża, fil-kors tat-trattazzjoni orali, illi l-artikolu nkriminat kien risposta għall-editorjali li deher fit-Times of Malta (dok. BB fol. 60), li fih, kif jingħad fl-artikolu nkriminat, l-editur ta' dak il-ġurnal kien ilmenta mal-awtoritajiet li ma ttieħdux passi kontra s-"Sebħ" għal dik il-karikatura, ossija "cartoon". Iżda hu ċert li, anki jekk wieħed iħares lejn l-artikolu denunzjat bħala risposta għall-artikolu li deher fit-Times of Malta, u *fuq l-isfond ta' dak l-artikolu, din iċ-ċirkustanza xejn ma*

tista' tiswa lill-artikolista tas-"Sebħ", għaliex fl-artikolu nkriminat tinsab ingurjata persuna li xejn ma kellha x'taqsam mal-artikolu tat-Times of Malta, ċjoè l-Gvernatur;

Għalhekk, għar-raġunijiet li ġew żvolti, din il-Qorti, anki wara li qieset l-artikolu nkriminat mill-aspett li bih għandu jitqies, kif ingħad, artikolu ta' indoli politika, ma tistgħax ma tiġix għall-konklużjoni li għaliha ġiet l-Ewwel Qorti, illi ċjoè l-imputat kiser id-dispożizzjoni tal-art. 6 tal-Liġi tal-Istampa;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti rriflettiet anki fuq il-piena irrogata mill-Ewwel Qorti fil-każ tal-imputat P.L. Micallef Stafrace. Il-piena komminata mill-liġi hi kumulattiva ta' ħabs u multa;

Ġie bħala regola ritenut minn din il-Qorti illi, in linea di massima, hi ma tindaħalx fid-diskretiva tal-Ewwel Qorti dwar l-applikazzjoni tal-piena fil-latitudini konċessa mill-liġi, ammenokkè ma jkunx hemm xi ħaġa li turi li dik il-piena hi illegali, jew inikwa, jew manifestament eċċessiva, jew ikun hemm xi raġuni oħra eċċezzjonali. Dan hu konformi mal-prattika tal-Qrati Ingliżi, fejn jingħad (ara Harris & Wilshere, Crim. Law, p. 494):— "The sentence must be manifestly excessive in view of the circumstances of the case, or wrong in principle, before the Court will interfere";

Din il-Qorti, anki wara li qieset il-fedina penali tal-imputat, ġa kundannat ħames darbiet oħra għal inġurji bil-mezz tal-istampa, ma ssib ebda raġuni minn dawk imsemmija li jistgħu jinduċuha tindaħal fil-piena;

Jista' anki jiżdied li fil-każ fuq ċitat "Pul. vs. Scorey" dan kien ġie mill-Ewwel Qorti kundannat, barra mill-multa u s-sospensjoni tal-ġurnal, għal priġunerija għal żmien tmien tijiem, u mbgad din il-Qorti kienet biddlet il-piena b'applikazzjoni tal-art. 23A. tal-Kodiċi Kriminali. Iżda dan kien sar għaliex, f'dak il-każ, l-imputat kien għamel, sija fil-ġurnal kif ukoll fix-xhieda tiegħu, apoloġija sħieħa —

ċirkustanza li tat lok għall-applikazzjoni favur tiegħu lid-dispożizzjoni eċċezzjonali tal-art. 23A. Din iċ-ċirkustanza f'dan il-każ ma tirrikorrix;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx bżonn jingħad, għaliex hi ħaġa ovvja, li l-konsiderazzjonijiet żvolti f'din is-sentenza jinkontraw anki l-appell tal-imputat Miller, in kwantu u safejn dan assoċja ruħu mal-eċċezzjonijiet tal-koimputat; id-difensur tiegħu, infatti, fid-dibattitu orali, irriferixxa ruħu għall-osservazzjonijiet li saru mil-kollega difensur tal-imputat l-ieħor li ppreċedieh;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi, prevju r-riġett tal-eċċezzjonijiet sollevati, fuq imsemmija, u prevju r-riġett tal-provi offerti, ukoll fuq imsemmija, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tal-pubblikazzjoni tal-gazzetta "Is-Sebħ" u s-sospensjoni tal-liċenza ta' stampatur tal-imputat Miller, għaż-żmien ordnat rispettivament mill-Ewwel Qorti, jibdew minn għada, il-Ġimgħa, id-disgħa tax-xahar korrenti. Kwantu għaż-żmien għall-ħlas rateali tal-pieni pekunjarji konċess mill-Ewwel Qorti, dan jibda jiddekorri żmien xahar mil-lum.